**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Numru: 45 / 2020 (GOZO)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Nazzareno Caruana**

Illum, 12 ta' Dicembru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Nazzareno Caruana, ta' sitta u hamsin (56) sena, iben Saviour u Elizabeth nee' Portelli, imwieled ir-Rabat, Ghawdex nhar is-26 ta' Marzu 1964, residenti fil-fond Ta' Karduna, Triq Birbuba, Gharb, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 12164 G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

F' dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' Ottubru 2020, ghall-habta ta' bejn is-18:15hrs u s-18:30hrs, waqt li kien f' Wied Santon, fl-inhawi ta' Wied ir-Rap, fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi f' dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqiegħed l-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Godfrey Farrugia ta' 62 sena, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 769557 M, skont kif iccertifika Dr. Peter Muscat MD, mill-iSptar Generali ta' Ghawdex, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216 (1) u 222 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' mobile phone u nuccali, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), ghad-detriment ta' Godfrey Farrugia K.I. 769557 M, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Godfrey Farrugia K.I. 769557 M, b' ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f' dan il-kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' ta' Godfrey Farrugia, jew ghaz-zamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus, u dan ai terminu tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parti leza, u dan ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 t'Ottubru, 2022, fejn il- Qorti:

(a) Astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni;

(b) U wara li rat l-artikoli 17, 28 A, 28 B, 31, 214, 215, 216 (1) (d) (2) u 339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Nazzareno Caruana hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija izda ordnat li din is-sentenza in kwantu ghal piena ta' prigunerija m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28 B tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh. Ai termini tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kodici Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-hati r-responsabbilta' tieghu mnissla mill-Artikolu 28 B tal-Kodici Kriminali fil-kaz li huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, b'applikazzjoni tal-artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Godfrey Farrugia (detentur tal-karta tal-identita numru 769557 M) qieghdet lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment ma' din is-

sentenza. Il-Qorti fehmet lill-hati l-implikazzjonijiet tal-ordni li qieghda tinghata taht l-Artikoli 382 A tal-Kap. 9.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lill-hati sabiex huwa jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€ 328.53) rapprezentanti spejjez ta' esperti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellanti Nazzareno Caruana minnu pprezentat fit-23 t' Ottubru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja is-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata il-hdax (11) ta' Ottubru 2022 in kwantu s-sejbin ta' htija tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u l-piena inflitta u minflok tilliberah mil-istess akkuzi u tvarja l-ordni tal-hlas tal-esperti u sussidjarjament tnaqqas il-pieni inflitta u dan ghar-ragunijiet migjuba.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-ewwel l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi minkejja li l-ewwel akkuza kienet cara u kienet tirreferi u tiddependi in kwantu it-tip ta' griehi mic-certifikat tat-Tabib Peter Muscat u cioe,

> **"Minghajr hsieb li joqtol jew iqeieghed l-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna griehi ta' natura**

**gravi fuq il-persuna ta' Godfrey Farrugia ta' 62sena, detentur tal-karta identita bin-numru 769557 (M), skont kif iccertifikat Dr. Peter Muscat MD mill-isptar Generali t' Ghawdex u dan bi ksur tal-artikli 214, 215, 216 (1) u 222 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."**

tant illi meta xehed il-parte civile huwa kkorobora dak imsemmi fic-certifikat ta' Peter Muscat. In fatti mix-xhieda tieghu A fol 26, il-parte civili Godfrey Farrugia stqarr illi *"jien u sejjer lejn il-vann insib lil Nazzarenu fejn il-vann"* a fol 27, is-sur Farrugia kompla jixhed is-segwenti, "Mad-daqqa tefaghni mal-art….u beda jcapcapli bil-ponn." Mistoqsi hux l-ewwel fir-right imbaghad fil-left –xhud "iva, u go rasi … … "Imbaghad kif kont fl-art, kif kont mal-art, daqqa hawnhekk gol-**kustilja** li ovvja miksura **l-kustilja**." "fil genb lejn ix-xellug."

1. Fl-istess xhieda l-parte civile prezenta ic-certifikat li ghamillu it-tabib u stqarr li "nizzilli l-items kollha li kelli" kompla jghid li "ghadni mugugh fil-**kustilja."** Kompla jghid illi "ghandi nuccali, bdiltu u l-mobile" il-Qorti ordnatlu li jipprezenta "l-ircevuta tan-nuccali u l-ircevuta tal-mobile tal-hsarat, importanti li jkollok kollox."

2. L-ispettur Josef Gauci ukoll irrefera ghac-certifikat ta' Dr. Peter Muscat u qed jorbot dawn il-griehi mal-akkadut (fol 21) u PS 1040 John Grima li xehed nhar nhar it-28 t' Ottubru, 2020, (fol 34) xehed li "minhabba l-griehi gravi ordnali biex immur narresta lill-persuna li allegatament aggrediet lill

Godfrey Farrugia". A fol 38 fil-current incident report, hemm miktub illi "Chest X-Ray shows fracture of the 5th rib."

3. Mela l-akkuza hija marbuta mal-griehi li jiddeskrivi it-Tabib Muscat liema griehi ikkonfermahom mhux biss it-tabib izda wkoll il-parte civile durante il-proceduri u l-Ispettur li qed jghid li a bazi taghhom hareg l-akkuzi. Fil-fatt dan ic-certifikat gie ipprezentant a fol 10 immarkat bhala Dok GF2 fejn it-Tabib Muscat iccertifika li l-griehi li allegatament kellu Goedfrey Farrugia ta' 76955 (M) dakinhar tal-akkadut. Skond dan ic-certifikat dawn kienu jikkonsistu precizament "f':

A. haematoma over right cheek; laceration upper eyelid

B. laceration lower lip

C. tender over left side of chest

D. chest X Ray shows "Fracture of the 5th rib."

Injuries are grievous in nature in view of fracture of the rib but not life threatening."

4. A fol 32 xehed Dr. Peter Muscat fit-28 t' Ottubru 2020, "jien hadtlu x-ray ta' sidru fejn irrizulta li kellu ksur ta' kustilja. Jien iccertifikajtu bhala l-griehi huma ta' natura gravi minhabba li kellu ksur, pero' qatt ma kien fil-periklu tal-mewt." L-ispettur staqsa lit-Tabib liema kustilja kienet u mil-gdid rega xehed - "Il-fifth rib kienet"

5. L-aggravju tal-imputat huwa fis-sens illi l-qorti appuntat l-espert mediku "biex jistabilixxi l-griehi u d-duranza taghhom fuq il-persuna ta' Godfrey Farrugia (fol 19)" pero in kwantu dak ikkostatat u ccertifikat u

kkonfermat bil-gurament ta' Dr. Muscat, u cioe il-hames kustilja, l-espert ma sab xejn. **<u>Assolutament ma kien hemm l-ebda tracca ta' trawma f' din il-kustilja.</u>**

6. Anzi l-espert isib trawmiet f' zewg kustijli ohra liema trawmiet ma kienux jezistu meta ttiehed l-xray tat-Tabib Peter Muscat u ghalhekk ma jistghux jigi abbinati mal-istess accident.

7. Fix-xhieda tieghu l-espert mediku jixhed,

> Dr. Angele Formosa: X' wasslek biex tghid li l-griehi huma gravi jekk joghgbok?
>
> Xhud: Ghas-sinjur, bazikament il-vittma kelu ksur ta' kustilji, zewg kustilji, is-seven u eight tan-naha tax-xellug tal-kaxxa ta' sidru.

Dr. Angele Formosa: U l-process ta' fejqan tieghu jigifieri kif?

> Xhud: Naturalment bhall kull ghadam ta' gisem wara sitt(6) gimghat l-ghadam jkun fieq , ikun ihhealjat l-ghadam, jigifieri jkun jaghlaq l-ghadam, imma ovvjament dik tigi ta' natura gravi ghax ikun hemm ksur tal-ghadam, imma dizabilita permanenti ma jkunx hemm.

8. Dan kollu jqajjem dubju dwar il-griehi li jistghu jigu attribwiti li saru mil-imputat.

9. La darba l-espert ma sab xejn fit-tielet kustilja u anzi sab trawma gdida li l-imputat stess ma jabbinahiex mal-incidenti ghax jitkellem fuq kustilja u

mhux fuq kustilji, l-ewwel Qorti bl-akbr rispett ma setghet qatt tkun sodisfatta li ingabet il-prova fil-grad li trid il-ligi u cioe il-prova li ma thalli ebda ombra ta' dubju li kien l-imputat li kkaguna din il-hsara ta' ksur fl-ghadam fil-5th rib u ghalhekk l-element ta' "grievous injury" li rrenda l-akkuza fil-konfront tieghu aktar oneruzi ma jistghux jitqiesu li gew sodisfacentment pprovati.

10. Hawnhekk mhux si tratta dwar kunflitt fil-provi dwar l-akkadut, izda sitwazzjoni fejn l-espert mediku tal-Qorti qed **jinnega totalment** dak attribwit mit-tabib Muscat fic-certifikat tieghu li a bazi tieghu inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-imputat.

11. Jinghad bl-akbar rispett li kellu jkun ovvju ghall-ewwel Qorti li fid-dawl ta' dan il-kunflitt isegwi li ma hemm l-ebda ness mal-akkadut u mat-tielet kustulja. Huwa l-espert stess li jghid li f' sitt gimghat ksur fil-kustilja tfieq, ghalhekk huwa ragjonevalment plawsibli li il-ksur tal-hames kustilja ma kienetx kagun tal-incident ghaliex it-tabib li ra lill-kwerelant tliet gimghat wara l-akkadut assolutament ma sab xejn. Isegwi li huwa plawzibbli li l-ksur tal-hames kustilja ma kienetx kagun ta' din il-glieda izda ta' xi haga li gara aktar minn tliet gimghat qabel u kien ghalhekk li l-espert ma sab xejn ghaliex certament l-espert kien jirrelata dwaru.

12. Illi minkejja dan kollu l-ewwel Qorti naqset milli tispjega kif iggustifikat l-konkluzjonijiet taghha li l-griehi li l-imputat ilmenta minnhom u cioe ugigh fil-'kustilja' ma ksur f' zewg kustilji u minflok qalet li la darba kien hemm id-demm fil-pulmun, il-prova ingabet. Illi l-ewwel Qorti bl-akbar

rispett u fil-fehma tal-imputat erronjament ikkonkludiet li: madankollu x' hin wiehed jezamina l-assjem tal-provi li tressqu jirrizulta b' mod car li l-parte civile effetttivament sofra ksur u li dan il-ksur kien fuq in-naha tax-xellug ta' sidru."

13. Illi bl-akbar dovut rispett hawnhekk si tratta dwar proceduri fil-kamp kriminali u l-htiega hija tal-oghla grad ta' prova u mhux suppozizzjonijiet jew rimarki generici. Fil-kaz odjern, bix-xhieda tal-espert nominat minnha stess l-ewwel Qorti qatt ma setghet taccetta ix-xhieda taz-zewg esperti, biex taccetta il-konkluzjoni tal-espert taghha stess kellha bilfors tiskonta u tiskarta ix-xhieda tat-Tabib Peter Muscat. Ergo l-akkuzi kif edotti li jiddependu propju mil-prova tal-griehi a bazi tat-tabib Muscat qatt ma setghu jirrizulta w f' sejbin ta' htija.

14. Assolutament ma kienx ghall-imputat li jipprova minn mnejn irrizultalu dawn il-griehi l-kwerelant izda kien ghal-prosekuzzjoni sabiex jipprova li kien l-imputat li kisser il-hames kustilja tal-kwerelant prova li giet totalment imxejna mil-espert mediku.

15. Illi t-tobba, it-tnejn isostnu li l-griehi jitqiesu gravi purament ghax irrizulta l-ksur.

16. Ghaldaqstant isegwi li la darba ma giex ippruvat il-ksur ghar-ragunijiet kif hawn fuq inghad, fid-dawl ta' dan il-kunflitt car ta' provi l-imputat qatt ma seta jinstab hati li huwa kkaguna griehi ta' natura gravi fuq l-imputat u kellu jigi liberat mil-istess akkuza.

**IT-TIENI AGGRAVJU**

17. It-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fl-ilment li il-piena li inghatat mil-ewwel Onorabbli Qorti ma kienetx wahda idonja. Illi l-ewwel Qorti wara li rat l-artikoli ghaddiet sabiex issib l-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u ikkundannatu ghal-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija izda ordnat li s-sentenza in kwantu ghal-piena ta' prigunerija m' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn millum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija. L-imputat b' applikazzjoin tal-artiklu 283A tqieghed taht ordni ta' trazzi ghal perjodu ta' 3 snin.

18. L-ewwel Qorti fil-motivazzjoni taghha enuncjat li "bhala regola meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat." (Il-pulizija vs Joseph Azzopardi 30.07.2004) u' il-vjolenza fizika ghandha bhala regola generali dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b' effett immedjat (Ir-repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici, deciza 11.11.2004.)

19. Illi ghalhekk fil-mottiv il-Qorti Onorabbli kkonsidrat li l-piena karcerarja effettiva hija mandatorja f' kull kaz ta' vjolenza. Izda l-aggravju tal-esponenti huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti Onorabbli kellha fil-fatt d-diskrezzjoni li tapplika l-artiklu 22 u fid-dawl li' kien hemm it-trapass taz-zmien (u cioe sentejn mid-data tal-akkadut sad-data tas-sentenza) minghajr

incidenti bejn il-partijiet, u tenut kont ukoll tal-fedina penali tal-imputat, il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tqis li l-piena karcerarja effettiva hija mandatorja u setghet facilment tapplika l-istess u dan kif jidher minn skorta ta' sentenzi aktar ricenti fejn effettivament b' applikazzjoni tal-artiklu 22 tal-Kapitolu 9, l-imputati gew liberati bil-kondizzjoni li ma jikkomettux reat iehor f' certu zmien.

20. Ad ezempju, ssir referenza ghas-sentenza tas-7 ta' Ottubru, 2019, Il-Pulizija (Spettur Chantelle Casha) Vs. Antoine Zammit, il-qorti wara li rat l-akkuzi li huma simili ghal dawk l-akkuza li bihom gie akkuzat l-appellant l-odjern, iddicediet

"Ghal dawn il-motivi il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u wara li l-Qorti rat l-artikolu 214, 215, 216 u 222 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur skont l-artikolu 221 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-ewwel aggravju tal-apellant, dan jistqar li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u dan ghaliex mhemmx qbil dwar il-feriti li ssubixxa l-kwerelanti bejn dak li xehed Dr. Peter Muscat li abbazi tac-certifikat tieghu inhargu l-akkuzi u dak li stqarr l-espert nominat mill-Qorti Dr. Edward Cherubino. Li hu zgur pero hu li t-tnejn li huma kkonfermaw li l-feriti li kellu l-kwerelant Godfrey Farrugia kienu ta' natura gravi ghaliex kien hemm ksur. Id-difiza sostniet li stante li hemm dan il-konflitt (fin-numru tal-kustilja fejnkienhemm frattura) dan il-konflitt jammonta ghal dubbju li ghandu jmur favur l-appellant.

Il-Qorti għalhekk kellha teżamina ix-xhieda fl-ewwel lok sabiex tistabilixxxi n-*nexus* bejn il-feriti subiti minn Godfrey Farrugia u l-aġir tal-appellant li wassal għal dawn il-feriti u dan għaliex jekk hija ma tkunx konvinta li kien l-aġir abbusiv tal-appellant li kkaġuna dawn il-feriti hija ma jkollhiex lanqas għalfejn tidħol fil-kwisjtoni dwar x'tip ta' feriti sofra l-kwerelant.

**Ikkunsidrat:**

Rat ix-xhieda mogħtija minn l-**Ispettur Josef Gauci** nhar it-28 ta' Ottubru, 2020 fejn spjega li nhar l-10 ta' Ottubru 2020 għall-ħabt ta' 8.00p.m kien ġie infurmat minn PS 1040 John Grima li kienet għadha kemm daħlet persuna li ġiet identifikata bħala Godfrey Farrugia, l-Emerġenza l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u dan wara li allegatament kienet għadha kemm ġiet feruta waqt argument li seħħ ġewwa Wied Santon, limiti ta' Wied ir-Raħab, fl-Għarb. PS 1040 kien infurmah li dan ġie aggredit minn Nazzareno Caruana u li ġie ċertifikat minn Dr. Peter Muscat li u kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Intqal li kellhom argument bejniethom waqt li kienu fil-Wied Santon. Huwa ta' struzzjonijiet biex jgħaddu għall-arrest ta' Nazzareno Caruana. Dan ġie arrestat mir-residenza tiegħu ġewwa l-Għarb. L-għada 11 ta' Ottubru 2020 huwa ħa l-istqarrija tal-akkużat wara li dan kien ikkonsulta mal-avukat tiegħu Dr. Angele Formosa, liema Avukat kienet ukoll preżenti waqt li rrilaxja stqarrija. Huwa esebixxa kopja ta' din l-istqarrija li ġiet markata bħala dok JGX1. PS 1040 Grima kien infurmah li apparti li kien aggredih u kkaġunalu feriti ta' natura gravi, l-akkużat kissirlu n-nuċċali kif ukoll l-*mobile phone* tiegħu tal-għamla Samsung. Jgħid li minn dak li ġie

rapportat tieghu Godfrey Farrugia gie aggredit kemm bl'idejn kif ukoll bis-saqajn. In segwitu dan gie imressaq il-Qorti.

Illi nhar is-17 ta' Settembru, 2021 ix-xhud xehed in kontro-ezami u kkonferma li n-nuccali li inkiser u l-mobile phone miksur qatt ma gew esebiti il-Qorti u ma rahomx miksura lanqas.

**Godfrey Farrugia** xehed nhar it-28 ta' Ottubru, 2020 u spjega li nhar is-Sibt l-10 ta' Ottubru, 2020 ghall-habta tas-6.50 p.m kien qed ibexbex u kien qieghed f'wahda mill-ghelieqi li jikri f'Wied Santon, limiti tal-Gharb. Kien mar hemm bil-vann, dahhal is-senter u l-kelba u jghid li kellu ghaxar passi 'l boghod biex jimla barmil tal-plastik bi tlett flixken tal-ilma vojta biex ikun jista' isaqqi. Huwa sejjer lejn il-vann sab lill-akkuzat li gharaf prezenti fl-awla vicin il-van tieghu. Mistoqsi jekk kienx jaf lill-akkuzat qabel jghid li jafu u kien anke kera r-raba minghandu. Kif rah lejn il-van resaq lejh u qallu "*Awn Zaren all right, kollox sew?*" u baqa' diehel mieghu pied u nofs jghidlu "*kif int? kollox sew? All right?*" Kif wasal hdejh tah daqqa ta' ponn f'wiccu fin-naha tax-xellug bejn ghajnejh u widnejh u tefghu ma l-art bid-daqqa. Kull ma semghu jghidlu kien "*Aqta dawk is-sigar minn hemm*". Jghid li ma jafx ghal liema sigar kien qed jirreferi ghax hemmhekk ghandu hames artijiet mikrija lilu. Semghu jghid "*Aqta' dawk is-sigar hemm ghax irrid noqtlok*". Wara beda icapcaplu bil-ponn. L-ewwel tah fuq ix-xellug ta' rasu u wara fuq il-lemin. Huwa esebixxa sett ta' ritratti tal-feriti li ssubixxa li gew markati bhala dok GF1. Waqt li kien ma l-art tah daqqa fil-kustilja tax-xellug, imbaghad qabad gebla pied 'l fuq minnu u gieghlu jahlef li jnehhi s-sigar li kellu ghax jekk le joqtlu fil-post. Il-gebla zammha fuq wiccu sakemm halef li ser inehhi s-sigar. Imbaghad telaq 'l hemm. Stenna ftit biex jigi f'tieghu u kien wiehed

u talbu jiehdu l-isptar. Huwa esebixxa c-certifikat li gie rilaxxjat mit-tabib Dr. Peter Muscat li gie markat bhala dok GF2.

Illi nhar is-17 ta' Dicembru 2020 huwa pprezenta l-ircevuta dwar il-hsarat li kellu fin-nuccali li giet mmarkata bhala dok GF1 u dik tal-mobile li giet markata bhala dok GF2.

Rat il-verbal tas-17 ta' Dicembru 2020 fejn Dr. Angele Formosa ezentat il-prosekuzzjoni milli tressaq il-persuni li rrilaxxjaw dawn iz-zewg ricevuti markati bhala dok GF1 u GF2 rispettivament.

In kontro-ezami nhar is-17 ta' Settembru jghid li waqt li gie aggredit mill-kwerelant huwa kellu n-nuccali f'ghajnejh. Jghid li ma jistax ikun bla nuccali. Jghid li ma l-ewwel daqqa li qala tar in-nuccali li kellu izda imbaghad l-kwerelant baqa' itih. Jghid li n-nuccali li inkiser hallih ghand tan-nuccalijiet ghax ma kellux bzonnu imkisser. In-nuccali tieghu kien qiehed *frameless*. Kellu sieq wahda miksura kif ukoll il-hgieg tieghu miksur. Qal li l-mobile tieghu kien fil-but u meta waqghu ma l-art dan inkiser. Jghid li kien wera n-nuccali u l-mobile miksurin lis-surgent. Jghid li l-i*screen* tal-mobile xpakka bid-daqqa li qala'.

**Dr. Peter Muscat** xehed nhar it-28 ta' Ottubru 2020 u kkonferma c-certifikat rilaxxjat minnu f'isem Godfrey Farrugia nhar l-10 ta' Ottubru 2020 ghall-habta tas-6.25 p.m Jghid li l-kwerelant kien allega li kien involut fi glieda fejn laqqghat daqqiet ta' ponn u ta' sieq fuq wiccu u fuq in-naha tax-xellug ta' sidru. Meta ezaminah dan kien f'sensiegh u '*alert*'. Kellu gundalla fuq il-lemin ta' wiccu, kellu barxa fuq il-kappell ta' ghajnejh u barxa fuq xoftu ta' isfel. Kien ukoll mugugh fuq in-naha tax-xellug ta'

sidru. Hadlu X-Ray fejn irrizulta li kellu ksur tal-hames kustilja. Huwa ccertifika l-feriti bhala dawk ta' natura gravi peress li kien hemm il-ksur pero jghid li qatt ma kien fil-perikolu tal-mewt. Muri d-dokument a fol. 10 jghid li dak hu c-certifikat rilaxxjat minnu u jikkonferma il-kontenut tieghu.

**PS 1040 John Grima** xehed nhar it-28 ta' Otubru 2020 u pprezenta rapport datat 10 ta' Ottubru 2020 li dahhal huwa stess fis-sistema li jirrigwarda rapport li kien ghamel Godfrey Farrugia fl-isptar Generali ta' Ghawdex dakinhar ghall-habta tas-7.15 p.m. Huwa mar fuq il-post assistit minn PS 326 Portelli u kellem lil Godfrey Farrugia u dan qallu dak li kien gara.

Spjega dak li kien qallu Farrugia lill-ispettur Josef Gauci u dan qallu sabiex imur jarresta lil Nazzareno Caruana li gharaf prezenti fl-awla. Jghid li huwa ta d-drittijiet legali lil Caruana u dan ghazel li jkun assistit mill-avukat tieghu Dr. Angele Formosa li kienet prezenti waqt li rrilaxja stqarrija l-ghada.

In kontro-ezami nhar is-17 ta' Dicembru 2020 jikkonferma li kien ra n-nuccali miksur kif ukoll il-mobile deher imxaqqaq. Mistoqsi jekk kellimx lil Dr. Peter Muscat jghid li kelmu u dan qallu li l-kwerelant kellu r-ribs miksurin.

**PC 1571 Mario Azzopardi** xehed u kkonferma li nhar l-10 ta' Ottubru, 2020 kien mar jarresta lill-akkuzat li gharaf prezenti fl-awla ghall-habta tal-10.00 p.m u akkompanjah l-ghassa.

**PS 326 Benjamin Portelli** xehed u qal li nhar l-10 ta' Ottubru, 2020 kien xoghol ta' bil-lejl bhala xufier tad-distrett u dahlitlilhom informazzjoni li kien hemm Godfrey

Farrugia ferut l-isptar u akkompanja lis-surgent l-isptar biex ikelmu. Jghid li kien prezenti waqt li dan ta l-versjoni tieghu ta' dak li gara lis-surgent PS 1040 Grima. Jghid li Godfrey Farrugia hu l-*parte civile* fil-kawza. Muri r-rapport tal-pulizija markat bhala JG1 jghid li dak hu l-istess rapport li kien xhud ghalih.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 28 ta' Ottubru 2020[1] fejn gie nominat Dr. Edward Cherubino sabiex jinvidta lil *parte civile* Godfrey Farrugia u jirraporta lura lil Qorti dwar il-griehi li sofra l-istess *parte civile* u x'konsegwenza jista' jkollhom tali griehi fil-futur fuq il-persuna ta' Godfrey Farrugia.

**PC 556 Fabio Schembri** xehed nhar is-17 ta' Dicembru, 2020 u spjega illi nhar l-10 ta' Ottubru, 2020 kien xoghol mobile u rcevew struzzjoni minghand is-surgent PS 1040 ghall-habta tat-8.00p.m /9.00p.m biex imorru mieghu l-Gharb ifittxu lis-sur Caruana li gharaf prezenti fl-awla bhala l-akkuzat. Habtulu l-bieb u fetah it-tifel u qallhom li l-akkuzat ma kienx prezenti. Is-surgent cempillu u qallu li kien qed jiekol barra. Is-surgent tah struzzjoni biex jistennih wara l-bieb. Ghal habta tal-10.00p.m dan irritorna u dan ghazel li jmur bil-karozza tieghu l-ghassa biex ikelmu s-surgent.

**Louis Agius** xehed nhar is-17 ta' Dicembru, 2020 u spjega li nhar l-10 ta' Ottubru, 2020 ghall-habta tas-6.00 p.m hareg mid-dar u sab lil Godfrey Farrugia l-kwerelant kien tela bil-vann mill-ghalqa li tinsab Wied Santor fil-vicin. Jghid li meta rah kien ha qata' ghax wiccu kien kollu demm u kien ukoll minfuh. Talbu iwasslu l-isptar ghax ma felahx jasal waqt li jzomm sidru. Qabad il-vann tieghu u hadu l-isptar hdejn l-Emergenza u x'gara minn hemm il-quddiem ma jafx.

---

[1] Fol. 18 tal-atti

**Dr. Edward Cherubino** xehed nhar l-4 ta' Marzu, 2021. Ikkonferma li kien ezamina lill-kwerelant Godfrey Farrugia nhar it-30 ta' Ottubru 2020. Jghid li ra ukoll ir-rapporti ta' meta gie ammess l-isptar. Jghid li dan kellu griehi gravi izda ma kien hemm l-ebda disabilita permanenti. Jghid li dan Farrugia kellu ksur ta' zewg kustilji is-seba' u t-tmien fuq in-naha tax-xellug ta' sidru. Jghid li dan idum sitt gimghat biex ifieq bhal kull ghadma ohra. Qal li kien hemm ferita gravi izda ma kienx hemm disabilita permanenti. Rat ir-rapport tieghu esebit u markat bhala dok EC1.[2]

L-akkuzat Nazzareno Caruana ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt jghamel u lanqas li jressaq provi in sostenn tad-difiza tieghu u dan in sostenn mad-dritt tieghu li jezercita d-dritt ta' silenzju. B'dan pero nhar il-11 ta' Ottubru, 2020 kien irrilaxxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti u markata bhala dok JG1 a fol. 23. F'din l-istqarrija l-akkuzat jghid li jahdem bhala part-time farmer u li ghandu farmhouse li jikri. Spjega li nhar l-10 ta' Ottubru, 2020 filghaxija kien qieghed Wied Santor fejn ghandu ghalqa biex jara jekk setghax jahdimha. X'hin dahal hemmhekk mar Godfrey Farrugia li kien gej mill-ghalqa ta' taht fejn jipparkja l-vann u dan staqsih '*x'ghandek bzonn Zaren*?' Dak il-hin qallu '*mur aqla dawk is-sigar tal ewkaliptus, tal-gamiem minn gol-ghalqa tieghu*.' Mistoqsi jekk gieli kelmux fuq dawn is-sigar qabel jghid li iva kien kelmu snin ilu. Qallu li kien ser jaqlaghhom pero flok ma qalghhom jghid li s-sena ta' qabel kien hawwel ringiela ohra minnhom u qallu biex imur jaqla' kollox minn hemm. Jghid li dak il-hin baqa' sejjer ghal fuqu minn faccata u x'hin wasal bi dritt xejjirlu daqqa' ta' ponn u huwa xejjirlu daqqa ohra. Mistoqsi jekk laqtux jghid li laqtu bi sbrixx.

[2] Fol. 72 ta' l-atti

Imbaghad Godfrey telaq jigri lura ghall-karozza u beza u harab jigri u qabel ma telaq jigri haseb li dan kien ser joqtlu billi jispara ghalih. Rah tfixkel u waqa′ fil-gebel. Huwa baqa′ sejjer jigri lejn id-dar.  Mistoqsi jekk marx warajh jghid li le ma marx. Jghid li lilu jafu tmien snin u darba minnhom kien sabu fl-ghalqa tieghu ghaliex kien mar ghal gamiem u meta sabu hemm kien offrielu l-flus.

Jichad li tah bis-sieq u jghid li kien libes karkur. Jghid li kif rah jgholli jdejh sgicca u laqtu sbrixx. Jghid li tah daqqa ohra allura u laqtu f′wiccu. Qal li fl-ebda hin ma heddu u lanqas ma qabad gebla u qallu ′*noqtlok noqtlok*′.

Mistoqsi jekk f′xi hin rax xi senter jghid li le u jghid li ma marx jittawwal fil-karozza tieghu. Qal li l-kwerelant huwa kaccatur u jmur hemmhekk ghall-kacca. Jghid li jahseb li ghandu ghelieqi mikrijin hemmhekk. Qal li l-kwerelant hawwel sigar tal-ewkaliptus vicin il-hajt tieghu u dawn ifarfru u l-weraq taghhom huma velenuzi u li xejn ma jikber warajhom Mistoqsi jekk heddux il-kwerelant jghid li le ghaliex lahaq telaq ′l hem. Mistoqsi jekk kissirlux il-mobile u n-nuccali jghid li le fl-ebda hin. Jghid li dawn inkisru fi x′hin waqa′ wahdu. Jghid li tfixkel fil-gebel u waqa′ fil-hajt tal-gebel. Mistoqsi jekk jafx li l-kwerelant mar l-isptar wara jghid li ma jafx.

Rat in-nota ta′ sottomissjoni tal-kwerelant prezentata fir-registu ta′ l-ewwel Qorti nhar it-18 ta′ Ottubru 2021[3] u dik tal-akkuzat prezentata fl-atti nhar it-23 ta′ Novembru 2021[4].

---

[3] Fol. 124 tal-atti
[4] Fol. 129 tal-atti

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti u cioe' dik esposta mill-kwerelanti li jghid li huwa gie aggredit mill-akkuzat nhar l-10 ta' Ottubru, 2020 waqt li kien hdejn l-ghalqa tieghu u dan ghal xejn b'xejn, waqt li l-kwerelant jghid li huwa ta daqqa lill-kwerelant ghaliex kien il-kwerelant li kien tah daqqa l-ewwel. Pero din il-Qorti a kuntrarju ta' l-ewwel Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk verament l-akkuzat laqatx lill-kwerelant l-ewwel jew le ghaliex bhala fatt dan mhux qed jikkontestah fir-rikors tal-appell tieghu. L-aggravju tieghu hu bazat fuq il-fatt li t-tobba bejniethom ma qablux dwar il-feriti subiti minn Godfrey Farrugia u ghalhekk din il-Qorti ghandha tillibera.

Jinghad fl-ewwel l-lok li l-Qorti ma kellhiex ghalfejn tinnomina tabib espert jekk hija kienet konvinta minn dak li xehed it-tabib Dr. Peter Muscat. Pero milli jidher il-Qorti kellha d-dubbji taghha tant li in effetti nnominat lil Dr. Edward Cherubino sabiex jezamina lill-kwerelant u jiddiskrivi l-feriti li ssubixxa u l-konsegwenza ta' tali feriti. Illi qabel kull konsiderazzjoni marbuta mal-mertu ta' dan l-appell, il-Qorti tosserva illi ghalkemm bl-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali hija m'hijiex marbuta li toqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tagħha, madanakollu:

*Huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u li l-Qorti mhijiex tenuta li taddotta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, jibqa l-fatt li l-Qorti m'għandiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-esperti tekniċi, speċjalment fuq*

*materja purament teknika, b'mod leġġer jew kapriċċjuz, u kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa.*[5]

Jinghad li huwa daqstant possibli tipprova feriti fuq il-persuna minghajr ebda referenza ghal certifikat mediku u dan kif mistqarr fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopadi** deciza nhar it-20 ta' Lulju 2014. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs George Stephen Zahra'** deciza ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-18 ta' Gunju, 2001 gie ritenut li:-

*Mill-banda l-oħra mhux korrett dak li donnu qed jippretendi l-appellant, u cioe' li mingħajr ċertifikati mediċi ma tistax tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li tkun saret offiża fuq il-persuna. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni tosserva diversi drabi, tali ċertifikati jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi determinat jekk l-offiża hix waħda gravi jew gravissima, jew addirutura jekk hemmx offiża (ħafifa, gravi jew gravissima); pero' dawn iċ-ċertifikati m'humiex f'kull każ assolutament meħtieġa: il-prova tal-offiża u tan-natura ta' tali offiża tista', f'ċerti każijiet, issir anke permezz tad-depożizzjoni jew depożizzjonijiet ta' persuni li mhux tobba jew paramediċi.'*

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

---

[5] Roseanne Galea u John David Galea vs L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017 (rikors nru. 30/15MCH)

*"Hi żbaljata l-idea, spiss ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".*

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju, 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun* xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

F'sentenza aktar riċenti l-Qorti tal-Appell Kriminali reġgħet fissret li l-klassifikazzjoni tal-ġrieħi tibqa deċiżjoni li tispetta l-ġudikant:[6]

*What the First Court considered is that it was still possible to prove bodily harm without reference to a medical certificate and sustained its reasoning on the strength of a judgement*

[6] The Police Vs Carillo Montoro Eliseo; Per Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti; Deċiża 29 ta' Marzu, 2021; Appell Nru.184/2018

*of this court in '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi'</u>** of the 30th July 2014 where the Court of Criminal Appeal held that the Court can still find guilt of the offence of bodily harm without a medical certificate. In the case '**<u>Il-Pulizija vs George Stephen Zahra</u>**' decided by Mr Justice De Gaetano on the 18th June 2001 (Court of Criminal Appeal) it was held that:*

*'Mill-banda l-oħra mhux korrett dak li donnu qed jippretendi l-appellant, u cioe' li mingħajr ċertifikati mediċi ma tistax tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li tkun saret offiża fuq il-persuna. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni tosserva diversi drabi, tali ċertifikati jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi determinat jekk l-offiża hix waħda gravi jew gravissima, jew addirutura jekk hemmx offiża (ħafifa, gravi jew gravissima); pero' dawn iċ-ċertifikati m'humiex f'kull każ assolutament meħtieġa: il- prova tal-offiża u tan-natura ta' tali offiża tista', f'ċerti każijiet, issir anke permezz tad-depożizzjoni jew depożizzjonijiet ta' persuni li mhux tobba jew paramediċi.'*

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost *in finis* id-decizjoni jekk il-feriti li jissubixxi bniedem humiex ta' natura gravi jew le hija kwistjoni li ghandha tiddecidi l-Qorti. Fil-kaz in desamina din il-Qorti hija konfortata mix-xhieda ta' Dr. Peter Muscat li qal li Godfrey Farrugia kellu feriti ta' natura gravi u dan ghaliex kellu ksur fil-kustilja numru 5 fin-naha tax-xellug ta' sidru. Dr. Edward Cherubino, espert tal-qorti kkonferma li kien hemm ksur fil-kustilja u li in effetti pero l-ksur kien fis-7 u 9 kustilja tan-naha tax-xellug u ukoll ddeskriva l-ferita bhala dik ta' natura gravi. Illi ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-qorti ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni li hejja l-espert Dr. Cherubino. Dan qed jinghad anke in vista tal-fatt li l-kwerelant stess jghid li l-akkuzat imbuttah ma l-art u beda itih bis-sieq f'sidru fuq in-naha tax-xellug apparti li tah daqqiet ta' ponn f'wiccu kif jidhru riskontrati bil-feriti murija

fir-ritratti esebiti. Il-ksur kien fuq in-naha tax-xellug ta' sidru fejn instabu miksura l-kustilji.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi michud.

Fit-tieni lok l-appellant stqarr li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi. L-appellant jghid li l-ewwel qorti ghamlet zball meta giet biex tapplika l-piena ghaliex qiset il-piena li ghandha timponi hija wahda ta' prigunerija mandatorja. Jinghad bla tlaqliq dan mhux minnu ghaliex l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti li jghidu li f'kaz ta' aggressjoni konsistenza fi vjolenza fizika fuq persuna l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija. Naturalment dan ma jfissirx li hija mandatorja izda li hija rakkomandabbli. M'hemmx dubju li l-piena moghtija taqa' fil-parametri tal-ligi. Issa huwa ormai pacifiku li illi fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti fis-sentenza tal-każ **<u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat</u>** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:-

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat".*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** [7], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[8] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[9]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jghid ukoll li hemm disparita fil-piena moghtija stante li hemm sentenzi ohra fejn l-akkuzat inghata piena differenti u ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija Antoine Zammit** deciza nhar 7 ta' Ottubru 2019.

---

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[9] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

Jigi imfakkar kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta v Carmen Butler**" :

*" … il-Qorti tal-Appell, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena errogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, 'sentencing is an art rather than a science' u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor."*

Huwa evidenti mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti meta giet biex taghti l-piena hadet in konsiderazzjoni dak kollu li kellha u li setghet tiehu in konsiderazzjoni. Il-fatt li l-appellant mhux sodisfatt bil-piena erogata ma jfissirx li dik il-piena ma kienitx gusta fic-cirkostanzi kollha u partikolari tal-kaz.

In kwantu ghall-kwistjoni ta' disparita` bejn is-sentenza appellata u s-sentenzi l-ohra citata mill-appellant, filwaqt li bhalma solitament jinghad il-paraguni huma odjuzi – anke ghaliex ic-cirkostanzi fil-kazijiet citati kienu differenti – bhalma ntqal f' **R. vs Large** [10] dwar il-kwistjoni ta' disparita' f'sentenzi[11] :

*"The Court will not make comparisions with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant."*

---

[10] 3 Cr. App. R. (S) 80, C.A

[11] Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001) (para. 5-174, p.571)

Difatti :

*"The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders* ***involved in the same case*** *irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in* ***Fawcett*** *is satisfied."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

It-test f'**Fawcett** hu f'dan is-sens :

*"Would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice ? [12]"*

Il-Qorti rat li l-feriti subiti mill-akkuzat gew kagunati fuq persuna anzjana u dan b'mod brutali u ghal xejn b'xejn. Illi dan l-agir barbaru ghandu jigi kundannat bil-qawwa kollha u dan sabiex tnehhi l-ideja minn li persuna jista' liberament jaqbad u jibda jsawwat bniedem li jkun ghaddej ghal affari tieghu bla raguni ta' xejn. F'socjeta' demokratiku, c-cittadini taghhom ghandhom igibu ruhhom ta' nies edukati u mhux ta' barbari. Ghalhekk ghamlet sewwa l-ewwel Qorti meta kkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija. Anzi kienet gentili mieghu meta tqis it-tip ta' feriti li ssubixxa Godfrey Farrugia ghaliex ma ordnatx li l-piena ta' prigunerija tkun wahda effettiva.

---

[12] per Lawton L.J. in R vs Fawcett , 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A

L-appellant ma ressaq l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-piena imposta mill-ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma l-ewwel sentenza kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur